



C/2025/5369

3.10.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Kawża M.12134 — SOFON / STEML / MRO JV)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/5369)

1. Fit-18 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerna l-impriża li ġejjin:

- Sofon Industries Company, ikkontrollata minn Saudi Arabian Oil Company ("Sofon", l-Arabja Sawdija)
- ST Engineering Marine Ltd, ikkontrollata minn Temasek Holdings (Private) Limited ("STEML", Singapore)

Sofon u STEML jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' MRO JV kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża kkonċernati huma li ġejjin:

- Sofon hija attiva fl-industrija tad-difiża navali u tal-baħar tal-Arabja Sawdija,
- STEML hija attiva fid-disinn, fil-konstruzzjoni, fit-tiswija u fil-konverżjoni ta' bastimenti navali u kummerċjali.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża MRO JV se jkunu l-forniment ta' servizzi ta' manutenzjoni, tiswija u tiġdid ta' bastimenti kummerċjali fit-tarzni ta' Dammam u Jeddah fl-Arabja Sawdija.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ⁽²⁾ għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12134 — SOFON / STEML / MRO JV

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
